

Brussell, 8 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6927/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0014 (NLE)

SCH-EVAL 60
ENFOPOL 103
COMIX 116

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Marzu 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6406/18	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Marzu 2018.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda azzjonijiet korrettivi lill-Iżlanda biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen li saret fl-2017 fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri r-risultati u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)103.
- (2) Punt importanti tas-sistema ta' kooperazzjoni internazzjonali fl-Iżlanda huwa l-qafas tal-Kooperazzjoni Nordika, b'mod partikolari n-netwerk tal-uffiċjali ta' kollegament. Barra minn hekk, l-Iżlanda għandha Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC) stabbilit sew għall-iskambju internazzjonali tal-informazzjoni.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari r-rekwiżit li jingħata aċċess lill-operaturi tal-infurzar liġi mħarrġa sew għas-sistemi ta' informazzjoni internazzjonali meħtieġa, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet Nri 1, 5, 7 u 8 ta' hawn taħt.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, l-Iżlanda tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex ikun ikkoreġut kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u li tipprovdi dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Iżlanda

1. tikkunsidra – minħabba l-flussi internazzjonali dejjem jżdiedu fl-Iżlanda – l-opportunità li terġa' ddaħħal servizz 24/7 għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija ġestit minn persunal dedikat tad-Dipartiment Internazzjonali;
2. ittejjeb il-faċilità tal-użu mill-utent tas-sistema LÖKE (bażi tad-data nazzjonali tal-pulizija);
3. tikkunsidra l-opportunità li tagħti lill-pulizija aċċess dirett għall-partijiet relatati mal-infurzar tal-liġi tal-bażijiet ta' data doganali;
4. tagħmel użu aħjar mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) bl-assistenza tal-Europol;
5. tirrevedi l-politika ta' aċċess għall-Interpol I-24/7 u tippermetti l-użu simultanju mill-persunal tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Internazzjonali u mill-persunal taċ-Ċentru tat-Telekomunikazzjonijiet tal-Pulizija;
6. tikkunsidra l-opportunità li tlaqqa' s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet GoPro u LÖKE;
7. tinnotifika l-awtoritajiet maħtura u l-punt ta' aċċess ċentrali lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tiżgura li jkun hemm miżuri tekniċi u organizzattivi fis-seħħ biex jippermettu l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi;

8. tikkunsidra l-opportunità li tqajjem kuxjenza dwar għodod ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, pereżempju billi tippromwovi l-intranet tal-pulizija (International WIKI) u ttipprovdi taħriġ regolari.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
